



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.6.2016
COM(2016) 424 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-
integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi fl-Istati
Membri ta' integrazzjoni tar-Rom - 2016**

{SWD(2016) 209 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi fl-Istati Membri ta' integrazzjoni tar-Rom — 2016

1. Introduzzjoni

Bil-Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Rom sal-2020, ¹Istati Membri huma impenjati li jiżviluppaw, jimplementaw u jimmonitorjaw strateġiji² f'konformità ma' approċċ komprensiv ibbażat fuq l-evidenza. Il-Kummissjoni tevalwa l-implimentazzjoni u tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Qafas tal-UE ġie msaħħaħ minn Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar miżuri effettivi għall-integrazzjoni tar-Rom³. Ir-Rakkomandazzjoni estendiet il-Qafas lejn oqsma addizzjonali u appellat lill-Istati Membri biex jikkomunikaw kull sena lill-Kummissjoni dwar miżuri meħuda f'konformità mar-Rakkomandazzjoni u l-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji.

Din il-Komunikazzjoni tirrapporta dwar il-konklużjonijiet ġenerali fejn jidħol il-progress fl-implimentazzjoni tal-Qafas tal-UE. Hija tanalizza wkoll, għall-ewwel darba, il-miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom imdaħħla skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Id-dokument ta' ħidma tal-persunal meħmuż jippreżenta valutazzjoni pajjiż b'pajjiż, u jenfasizza eżempji ta' prassi fid-diversi oqsma tematiċi. Ġie żviluppat mudell dettaljat ta' rapportar biex jingħata appoġġ għar-rappurtar mill-Istati Membri⁴. Xi Stati Membri (Franza, il-Ġermanja, is-Slovenja) għażlu tip alternattiv ta' rapportar, filwaqt li oħrajn (id-Danimarka, il-Lussemburgu, in-Netherlands)⁵ ma rrapportawx dwar il-miżuri tagħhom.

2. Ir-rwol tal-Kummissjoni fl-għoti ta' sostenn lill-Istati Membri

Il-Kummissjoni rabtet il-monitoraġġ tal-progress fl-inklużjoni tar-Rom mal-aġenda usa' tagħha tat-tkabbir, Ewropa 2020. Sa mill-2012, ħames Stati Membri bl-akbar komunitajiet Rom u bl-isfidi l-aktar serji rċevew **rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż** dwar kif jagħmlu l-politiki konvenzjonali tagħhom aktar inklussivi għar-Rom. Fl-2016, ir-Rakkomandazzjonijiet proposti mill-Kummissjoni jiffukaw fuq il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tat-tfal Rom fl-edukazzjoni regolari konvenzjonali⁶. L-istrumenti legali, ta' politika u finanzjarji fil-livell Ewropew ġew allinjati bis-sħiħ bit-tnedija tal-perjodu ta' programmar finanzjarju 2014-2020.

¹ COM(2011) 173 finali, approvat mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fit-23 u l-24 ta' Ġunju 2011.

² It-terminu strateġija jintuża wkoll biex ikopri għabriet integrati ta' miżuri ta' politika. Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin biex issir referenza għall-Istati Membri: AT-l-Awstrija, BE-il-Belġju, BG-il-Bulgarija, CY-Ċipru, CZ-ir-Repubblika Ċeka, DE-il-Ġermanja, DK-id-Danimarka, EE-l-Estonja, EL-il-Greċja, ES-Spanja, FI-il-Finlandja, FR-Franza, HU-l-Ungerija, HR-il-Kroazja, IE-l-Irlanda, IT-l-Italja, LT-il-Litwanja, LU-il-Lussemburgu, LV-il-Latvja, MT-Malta, NL-in-Netherlands, PL-il-Polonja, PT-il-Portugall, RO-ir-Rumanija, SE-l-Iżvezja, SI-is-Slovenja, SK-is-Slovakkja, UK-ir-Renju Unit. Malta ma għandhiex popolazzjoni Rom fit-territorju tagħha.

³ ĠU C 378, 24.12.2013, 01.

⁴ Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-indikaturi dwar ir-Rom, iffaċilitat mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u bil-parteċipazzjoni ta' 17-il Stat Membru (AT, BE, BG, CZ, EL, ES, FI, FR, HR, HU, IE, IT, NL, PT, RO, SK, UK) żviluppa l-qafas tar-rappurtar skont l-istruttura tar-Rakkomandazzjoni. Għad irid jiġi ffinalizzat qafas ta' indikaturi dwar ir-Rom li jgħaqqad il-miżuri mal-kontribuzzjonijiet u mar-riżultati.

⁵ NL ipprovdew studju kwalitattiv ikkummissjonat mill-gvern mill-Università Erasmus dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Rom. DK baqgħat għal żmien twil mingħajr Punt ta' Kuntat Nazzjonali dwar ir-Rom. Dan l-aħħar inhar punt ta' kuntatt, iżda ma sar l-ebda rapport dwar il-miżuri implimentati skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill lill-Kummissjoni.

⁶ BG, CZ, HU, RO, SK: http://ec.europa.eu/europe2020/making-it-happen/country-specific-recommendations/index_en.htm.

2.1. Il-bini ta' kapaċitajiet u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni

Il-Kummissjoni għadha tiffaċilita d-djalogu fost l-Istati Membri taħt in-netwerk ta' **Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom**⁷. Għaddejjja wkoll il-ħidma tat-**Task Force għar-Rom**, li ggħib flimkien lid-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni li jikkontribwixxu fil-proċess tal-UE għall-integrazzjoni tar-Rom. **Isiru żjarat bilaterali ta' monitoraġġ fl-Istati Membri** b'diskussjonijiet fil-fond bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali u lokali u tas-soċjetà ċivili, kif ukoll żjarat lil komunitajiet Rom.

Il-Pjattaforma Ewropea għall-inklużjoni tar-Rom, li tiġbor il-partijiet interessati kollha fil-livell Ewropew, ġiet riformata fl-2015 biex jiġi żgurat proċess aktar parteċipattiv. L-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tas-soċjetà ċivili Ewropea li huma fi djalogu regolari mal-Kummissjoni kienu involuti mill-qrib fir-riforma u l-preparazzjoni tal-Pjattaforma Ewropea, li fl-2015 iffokat fuq kooperazzjoni bejn ħafna partijiet ikkonċernati u fuq il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-anti-Żingariżmu.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha li tappoġġa lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' **Pjattaformi Nazzjonali għar-Rom**. Dawn għandu jkollhom rwol kruċjali fl-iżgurar ta' involviment trasparenti u inklużiv mill-partijiet interessati kollha fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-attivitajiet ta' rappurtar.

Il-Kummissjoni saħħet ukoll **il-bini tal-kapaċitajiet lokali u inizjattivi ta' netwerking** billi appoġġjat:

- **il-ġemellaġġi ta' awtoritajiet lokali** (taħt il-kampanja tranżnazzjonali “**għar-Rom mar-Rom**”⁸;
- **programmi konġunti**⁹ mal-Kunsill tal-Ewropa għal investiment fil-medjazzjoni, id-djalogu strutturat u l-bini tal-kapaċitajiet tal-komunitajiet Rom tal-awtoritajiet lokali;
- **netwerks ta' kooperazzjoni tranżnazzjonali** bejn l-awtoritajiet fuq livell nazzjonali u lokali, kif ukoll l-NGOs li jaħdmu favur ir-Rom.

2.2. Il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-anti-Żingariżmu

Fl-2015, il-Kummissjoni ħaffet il-pass tal-azzjoni biex tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni, is-segregazzjoni u l-anti-Żingariżmu, inkluż id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda. Bħala gwardjana tat-Trattati, il-Kummissjoni għandha r-rwol li tiggarantixxu li l-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, bħalma hi **d-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali**,¹⁰ tiġi trasposta u infurzata kif jixraq. Il-Kummissjoni nediet it-tieni kawża ta' ksur dwar diskriminazzjoni ta' tfal Rom fl-edukazzjoni,¹¹ u kompliet tinvestiga s-suspetti ta' każijiet ta' diskriminazzjoni fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni f'diversi Stati Membri.

Il-Kummissjoni bdiet djalogu mal-Istati Membri biex tiżgura t-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tad-**Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar ir-razziżmu u l-ksenofobija**¹² wara li kisbet is-setgħa li tissorvelja l-applikazzjoni tagħha. Hija żiedet ukoll l-isforzi tagħha biex tassisti lill-Istati Membri jiżguraw li tittieħed azzjoni effettiva kontra d-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda. Hija ħadet sehem f'diskussjonijiet ma' kumpaniji

⁷ In-netwerk jiltaqa' darbtejn fis-sena. Huwa ġie stabbilit fl-2012 biex jiġi promoss it-tagħlim reċiproku u l-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom u biex jipprovdi l-appoġġ tal-Kummissjoni fil-kwistjonijiet identifikati mill-Punti ta' Kuntatt. Gruppi ta' ħidma tematiċi (li bħalissa jiffokaw fuq kooperazzjoni transnazzjonali u t-tfal Rom) taħt l-umrellla tan-netwerk jippermettu li jkun hemm aktar diskussjonijiet approfonditi.

⁸ http://ec.europa.eu/justice/discrimination/roma/for-roma-with-roma/index_en.htm.

⁹ Il-progamm ROMED2 u ROMACT.

¹⁰ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE tad-29 ta' Ġunju 2000 li timplimenta l-prinċipju tat-trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mill-oriġini tar-razza jew etniċità, ĠU L 180, 19.07.2000

¹¹ Is-Slovakkja f'April 2015. L-ewwel proċediment tnieda f'Settembru 2014 kontra r-Repubblika Ċeka.

¹² 2008/913/ĠAI, ĠU L 328, 28.11.2008.

tal-IT, ma' Stati Membri u mas-soċjetà ċivili biex tiġi żgurata t-tneħħija malajr minn fuq l-internet ta' diskors illegali ta' mibegħda u għall-promozzjoni tal-iżvilupp ta' kontranarrattivi.

Il-Kummissjoni nediet "**għar-Rom mar-Rom**", kampanja tranżnazzjonali għat-tixrid tal-għarfien. Hija għandha l-iskop li tiġġieled kontra l-isterjotipi kontra r-Rom permezz ta' ħidma mal-midja, il-promozzjoni ta' ftehim kulturali, l-organizzazzjoni ta' kompetizzjonijiet tat-tpinġija fl-iskejjel u l-appoġġ ta' proġetti ta' ġemellaġġ bejn l-awtoritajiet lokali.

Fl-2015, il-Kummissjoni ppubblikat sensiela ta' tliet materjali ta' referenza li jappoġġaw lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni:

- **Gwida dwar kif** il-Fondi Strutturali u ta' Investment Ewropej 2014-2020 jistgħu jintużaw **biex tiġi indirizzata s-segregazzjoni edukattiva u spazjali**, ma' esperti li jipprovdu pariri rigward l-implimentazzjoni lill-Istati Membri l-aktar konċernati¹³.
- **Fuljett b'taġhrif dwar drittijiet** bi gwida dwar kif għandha titressaq talba rigward diskriminazzjoni, li jispjega d-drittijiet tal-vittmi b'lingwaġġ dirett biex jittejjbu l-infurzar ta' direttivi għall-ugwaljanza u kif ukoll l-għarfien dwar id-drittijiet¹⁴.
- **Ġabra ta' Strumenti Ewropej għall-Iskejjel** dwar l-aħjar Prattiki fl-edukazzjoni, inklużi Prattiki dwar l-ġoti ta' appoġġ immirat lejn it-tfal Rom u dawk li jaħdmu ma' familji Rom¹⁵.

Il-Kummissjoni appoġġat bil-qawwa r-risoluzzjoni tal-**Parlament Ewropej**¹⁶ **dwar l-anti-Żingariżmu u r-rikonoxximent, min-naħa tal-UE, tal-jum ta' tifikira tal-ġenoċidju tar-Rom**. Taħt il-programm tagħha l-Ewropa għaċ-Ċittadini, il-Kummissjoni ffinanzjat proġetti li jikkomemoraw il-massakru tar-Rom, u — skont il-Programm tad-Drittijiet, l-Ugwaljanza u ċ-Ċittadinanza — proġetti lokali, nazzjonali u tranżnazzjonali dwar l-integrazzjoni tar-Rom u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni.

3. Sitwazzjoni attwali fejn tidħol l-integrazzjoni tar-Rom fl-Istati Membri

Barra mill-kriżi finanzjarja u ekonomika, il-kriżi tar-refuġjati kienet ta' sfida bla preċedent għall-Istati Membri. L-awtoritajiet pubbliċi jinsabu taħt pressjoni biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' refuġjati li waslu riċentement, apparti ċ-ċittadini Rom vulnerabbli tagħhom stess u ċ-ċittadini tal-UE jew ta' pajjiżi terzi ta' oriġini Rom li jgħixu fit-territorju tagħhom. Minkejja l-isfidi li tippreżenta l-integrazzjoni ta' dawn il-komunitajiet preżenti, l-Istati Membri ma għandhomx jagħtu prijorità lil waħda fuq l-oħra. Huwa meħtieġ approċċ bilanċjat, li jirrikonċilja l-ħtiġijiet kollha ta' integrazzjoni b'azzjonijiet reċiproki ta' appoġġ u koordinazzjoni.

Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, flimkien ma' kontribuzzjonijiet mis-soċjetà ċivili. Saru sforzi taħt l-indikaturi dwar l-integrazzjoni tar-Rom tal-Grupp ta' Ħidma (ikkoordinati mill-Aġenzija tad-Drittijiet Fundamentali bil-parteċipazzjoni ta' 17-il Stat Membru u tal-Kummissjoni) biex jiġi żvilupp qafas komuni ta' indikaturi tar-Rom. Filwaqt li l-proċess wassal għal mudell ta' rappurtar dettaljat dwar il-miżuri stabbiliti, hemm bżonn ta' aktar ħidma dwar qafas ta' indikaturi dwar l-integrazzjoni tar-Rom sabiex tkun tista' ssir ir-rabta tal-miżuri ma' kontribuzzjonijiet u riżultati. Il-mudell użat għar-rappurtar ta' din is-sena kien joffri ċerti sfidi fil-każ ta' xi Stati Membri. Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżviluppa metodoloġija ta' rappurtar li tkun faċli biex tintuża li tkun marbuta mill-qrib mal-qafas ta' indikaturi.

¹³ http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/thematic_guidance_fiche_segregation_en.pdf.

¹⁴ http://ec.europa.eu/justice/discrimination/files/rights_against_discrimination_web_en.pdf.

¹⁵ <http://www.schooleducationgateway.eu/en/pub/resources/toolkitsforschools/general.htm>.

¹⁶ 15.04.2015, 2015/2615(RSP).

3.1. Miżuri orizzontali

Id-diskriminazzjoni għadha mifruxa madwar l-UE u tinsab fis-soċjetajiet kollha, u fl-oqsma prinċipali kollha. Dan jikkonfermawh il-kostatazzjonijiet tal-istħarriġ riċenti tal-Eurobarometer¹⁷ u r-reazzjonijiet mis-soċjetà ċivili. L-Istati Membri qegħdin jenfasiszaw il-promozzjoni tad-djalogu interkulturali, id-diversità, l-informazzjoni dwar l-istorja u l-kultura tar-Rom, inkluż il-massakru tar-Rom. Xi wħud minnhom diġà jinkludu din l-informazzjoni fil-kurrikuli tal-iskejjel tagħhom. Huwa importanti li l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni tar-Rom tiġi miġġielda billi t-tfal jiġu edukati u billi l-edukazzjoni titpoġġa f'din il-perspettiva usa'. Xi Stati Membri jagħmlu attivitajiet ta' taħriġ li għandhom l-għan li jissensibilizzaw lill-ħaddiema taċ-ċivil u lill-fornituri tas-servizzi sabiex ikollhom fehim interkulturali tajjeb meta jaħdmu mar-Rom. Xi wħud jagħmlu wkoll kampanji kontra r-reati ta' mibegħda. Dawn il-miżuri kollha huma essenzjali biex tiġi promossa l-ugwaljanza. L-Istati Membri huma mħeġġa li jiżviluppawhom.

Minkejja dawn l-isforzi, ma għadu qiegħed jidher l-ebda titjib fil-konkret. Għalhekk hemm bżonn ta' approċċ aktar sistematiku u l-Istati Membri huma mħeġġa juru aktar rieda politika fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni. **L-anti-Żingariżmu bħala forma speċifika ta' razzizzmu**, marbut mill-qrib ma' stereotipi profondi ħafna u mal-istigmatizzazzjoni tar-Rom, qiegħed jiżdid. Huwa relatat ma' żieda fir-radikalizzmu u l-estremizzmu fl-UE. Huwa kruċjali li l-awtoritajiet pubbliċi jiddistanzjaw ruħhom minn kliem u diskors razzista u ksenofobiku li jkollu fil-mira tiegħu lir-Rom u li effettivament jikkriminalizzaw **ir-retorika, id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda kontra r-Rom**. Huwa importanti li jiġi rikonoxxut li nuqqas ta' rieda li wieħed jaġixxi jikkontribwixxi wkoll għall-aċċettazzjoni tal-intolleranza fis-soċjetajiet.

Għalkemm xi Stati Membri ħadu passi biex jeliminaw id-diskriminazzjoni u s-segregazzjoni tar-Rom permezz tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni proinklussiva – b'mod partikolari fil-qasam tal-edukazzjoni biex jitrawwem aċċess ugwali għat-tfal Rom fl-edukazzjoni ewlenija¹⁸ – għadha teżisti l-esklużjoni mid-dinja tax-xogħol, is-segregazzjoni fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni. Għalhekk l-Istati Membri għandhom ukoll jagħmlu sforzi akbar **biex jiżguraw l-infurzar effettiv u Prattiku tal-leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni** sabiex effettivament jeliminaw il-prattiċi ta' segregazzjoni u ta' diskriminazzjoni.

Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jirrappurtaw dwar miżuri li jippromwovu l-parteċipazzjoni tar-Rom, **iżda hemm bżonn ta' aktar iffukar fuq iż-żgħażaġh Rom**. Is-sitwazzjoni **tat-tfal Rom** għadha partikolarment inkwetanti. Xi Stati Membri jieħdu miżuri sabiex jiġu miġġielda l-fastidjar u l-bullying. Madankollu, l-esklużjoni għadha teżisti. F'xi Stati Membri din hija marbuta man-nuqqas ta' reġistrazzjoni u ta' dokumenti tal-identità, parteċipazzjoni baxxa fl-edukazzjoni bikrija tat-tfal u fil-kura, u rata oġhla ta' tluq bikri mill-iskola.

Il-miżuri rakkomandati mill-Kunsill	L-Istati Membri li rrapportaw miżura
Jiġi żgurat l-infurzar effettiv u Prattiku tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali	BE, BG, CZ, DE, FI, HR, IT, LT, SI, SK, UK
L-implimentazzjoni ta' miżuri ta' desgregazzjoni fil-livelli reġjonali u lokali	ES, HR, SK
Jiġi żgurat li t-tkeċċijiet bil-forza jkunu f'konformità sħiħa mal-liġi tal-UE u mal-obbligi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem	-
Jitqajjem għarfien dwar il-benefiċċji tal-integrazzjoni tar-Rom	AT, ES, LV
Jitqajjem għarfien fost il-pubbliku dwar in-natura diversa tas-	AT, DE, ES, LV, PT, SI, SK,

¹⁷ Ewrobarometru Speċjali 437, 2015.

¹⁸ BG, CZ, SK

soċjetajiet, tiġi sensibilizzata l-opinjoni pubblika għall-inklużjoni tar-Rom	
Jiġu miġġielda r-retorika u d-diskors ta' mibegħda kontra r-Rom,	AT, DE, ES, HR, SE, SK
Tiġi miġġielda d-diskriminazzjoni multipla ta' tfal u nisa Rom	AT, CZ, DE, ES, HR, HU, PT, SE, SI, SK
Il-ġlieda kontra l-vjolenza (domestiku) kontra n-nisa u l-bniet	AT, DE, EL, ES, FI, HR, HU, UK
Il-ġlieda kontra t-traffika tal-bnedmin	AT, BG, HR, HU, IT
Il-ġlieda kontra żwiġijiet taħt l-età u sfurzati, u t-talb fit-toroq li jinvolvi t-tfal	SI
Appoġġ liċ-ċittadinanza attiva tar-Rom bil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni soċjali, ekonomika, politika u kulturali tagħhom.	AT, BE, BG, CZ, DE, ES, FI, HR, HU, LT, LV, PT, SE, SI, SK, UK
Il-promozzjoni tat-taħriġ u l-impjieg ta' medjaturi kwalifikati	BE, BG, CZ, ES, HR, PT, SI
Jitqajjem għarfien fost ir-Rom dwar drittijietom.	AT, DE, ES, HR
Ohrajn	BE, BG, FR, HU, HR, IT, LV, PT, UK

In-nisa Rom jiġu indirizzati l-aktar permezz ta' miżuri konvenzjonali. Madankollu, peress li dawn jiffaċċjaw forom multipli ta' diskriminazzjoni (vjolenza, traffikar tal-bnedmin, żwiġijiet taħt l-età u bil-forza, u t-talb fit-toroq li jinvolvi t-tfal), għandhom ukoll jiġu indirizzati b'aktar miżuri mmirati bħala parti minn approċ strateġiku speċifiku għall-ġeneru u li jkun jolqot direttament lit-tfal. L-azzjoni f'dawn l-oqsma hija ġeneralment nieqsa minkejja indikazzjonijiet ta' żieda fit-traffikar tar-Rom għal dawn l-iskopijiet¹⁹.

L-Istati Membri għandhom jindirizzaw aħjar is-sitwazzjoni speċifika tar-Rom permezz ta' taħlita ta' miżuri ġenerali u daww immirati biex jiżguraw aċċess ugwali effettiv għad-drittijiet tagħhom u għal servizzi kurrenti.

3.2. Edukazzjoni

L-edukazzjoni għadha tirċievi l-aktar attenzjoni mill-Istati Membri fil-miżuri ta' integrazzjoni tagħhom. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw miżuri rilevanti għall-edukazzjoni u l-kura bikrija fit-tfulija, it-tluq bikri mill-iskola, l-edukazzjoni inklużiva u l-appoġġ fuq bażi individwali. Ħafna Stati Membri adottaw strateġiji dwar it-tluq bikri mill-iskola, iżda dawn ma jimmirawx b'mod espliċitu għar-Rom, u l-proporzjon ta' tfal Rom fost daww kollha li jtilqu b'mod bikri mill-iskola għadu għoli. Hemm attenzjoni konsiderevoli għall-promozzjoni tal-aċċess u tal-kwalita tal-edukazzjoni bikrija, u dan iservi biex aktar tard jipprevjeni t-tluq bikri mill-iskola u jittejbu l-eżiti edukattivi. F'dawn l-aħħar snin dehret xejra pożittiva bl-għarfien tal-importanza ċentrali tal-edukazzjoni bikrija. Dan jidher permezz ta' żieda fil-fondi allokat għall-bini ta' kindergartens u fil-bidliet leġiżlattivi f'diversi Stati Membri biex dawn jintroduċu jew jestendu l-edukazzjoni obligatorju ta' qabel l-iskola²⁰.

¹⁹ L-Europol: Rapport tas-Sitwazzjoni — It-traffikar tal-bnedmin fl-UE.

²⁰ BG, CZ, HU, FI

Il-miżuri rakkomandati mill-Kunsill	L-Istati Membri li rrapportaw miżura
L-eliminazzjoni tas-segregazzjoni	BE, BG, ES, IE, IT, RO, SI, SK
Tintemm is-sistemazzjoni bla bżonn ta' tfal fi skejjel għal ħtiġijiet speċjali	BG, CZ, SK
Jiġi miġġieled it-tluq bikri mill-iskola	AT, BE, BG, CY, DE, ES, FI, FR, HR, HU, IT, RO, SE, SK, UK
Jiġi promoss l-aċċess għal edukazzjoni bikrija u kura ta' kwalità	AT, BG, CZ, ES, FI, HR, HU, IT, PL, RO, SK
Jiġi pprovdut appoġġ individwalizzat	AT, CZ, DE, ES, HR, IT, LT, LV, PL, RO, SK, UK
Il-promozzjoni ta' metodi ta' taġġim inklużiv	AT, BG, CY, CZ, DE, ES, HR, HU, LV, PT, RO, SI, SK, UK
L-inkoraġġiment tal-involviment tal-ġenituri u tat-taħriġ tal-għalliema	AT, BE, BG, CY, DE, ES, FI, IT, LV, SI, SK
Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni u t-tlestija tal-edukazzjoni sekondarja u l-edukazzjoni għolja	AT, BG, CZ, DE, ES, FI, HR, HU, PL, UK
Jitwessa' l-aċċess għat-tieni opportunità fl-edukazzjoni u għat-taġġim għall-adulti	UK, BG, CY, DE, ES, SI
Oħrajn	BE, CZ, ES, FI, DE, HR, HU, IT, LT, LV, RO, SI, SK, UK

Żvilupp pożittiv aktar riċenti huwa l-promozzjoni tal-edukazzjoni inklużiva u l-appoġġ individwalizzat għal tfal li jinsabu għaddejnin mill-edukazzjoni konvenzjonali, li jservi biex ma jitqegħdux tfal fi skejjel speċjali abbażi tal-oriġini soċjali ta' tagħhom. L-ambjent legali proinklussiv, li kien imsaħħaħ f'diversi Stati Membri, jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn miżuri effettivi ta' implimentazzjoni. Irid ikun hemm monitoraġġ xieraq, finanzjament sostenibbli u taħriġ rilevanti tal-għalliema sabiex jinkisbu riżultati tanġibbli. Għandha tingħata iktar attenzjoni li tingħata t-tieni opportunità għall-edukazzjoni u li jkun hemm it-taġġim tal-adulti, biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni bejn il-livelli tal-edukazzjoni, inkluża l-edukazzjoni terzjarja. Għandha tingħata prijorità lill-miżuri attivi ta' desgregazzjoni biex tingħata edukazzjoni ta' kwalità tajba lit-tfal Rom f'kundest konvenzjonali. Il-programmi ta' taħriġ għandhom jikkorrispondu għal ħtiġijiet reali tas-suq tax-xogħol biex jitjiebu l-prospetti ta' impjegabilità.

3.3. Impjiegi

Il-parteċipazzjoni tar-Rom fis-suq tax-xogħol għadha dgħajfa ħafna. L-Istati Membri taw prijorità lil miżuri ġenerali għal dawk li jinsabu bla xogħol, għat-taħriġ, u għal impjiegi sussidjati għal dawk li ilhom qiegħda. L-Istati Membri joffru wkoll l-attivazzjoni/xogħol pubbliku, u miżuri għal persuni bi sfond ta' migrazzjoni mingħajr, madankollu, impatt sinifikanti fuq ir-Rom. Il-biċċa l-kbira fosthom irrappurtaw miżuri li jappoġġaw l-ewwel esperjenza ta' xogħol, it-taħriġ vokazzjonali jew it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol, it-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp tal-ħiliet. Diversi Stati Membri ħadu inizjattivi dwar servizzi ġenerali tal-impjiegi u l-impjieg indipendenti jew l-impreditorjali. Minkejja dawn il-miżuri kollha, ir-Rom għadhom l-aktar grupp li hu l-inqas rappreżentat fuq is-suq tax-xogħol. Il-livelli baxxi ta' edukazzjoni u l-ħiliet u d-diskriminazzjoni mifruxa huma fatturi li jispjegaw l-eżiti fqar fejn jidħlu l-impjiegi. L-attivazzjoni u x-xogħlijiet pubbliċi possibbilment tejbju l-istatistika tal-impjiegi, iżda minflok ma pprovdew pont lejn is-suq tax-xogħol miftuħ, kellhom effett ta' intrappolament tal-parteċipanti li baqgħu f'impjiegi b'paga baxxi, ta' kwalita baxxa li ma humiex biżżejjed biex dawn joħorġu mill-faqar.

Il-miżuri rakkomandati mill-Kunsill	L-Istati Membri li rrapportaw miżura
Tiġi appoġġjata l-ewwel esperjenza ta' xogħol, it-taħriġ vokazzjonali, it-taħriġ fuq il-post tax-xogħol u t-tagħlim tul il-ħajja	AT, BE, BG, DE, EL, ES, FI, HR, HU, IT, LT, LV, PL, PT, SI, SK, UK
Jiġu appoġġjati l-impjiegi indipendenti u l-impreditorja	AT, BE, BG, ES, HR, HU, LT, SI, SK
Jingħata aċċess ugwali lis-servizzi pubbliċi konvenzjonali tal-impjieg b'appoġġ individwalizzat	AT, BE, BG, DE, ES, FR, HR, HU, IT, LV, PT, SE, SI, SK
Jiġu eliminati l-ostakoli, inkluża d-diskriminazzjoni, għad-dħul (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol	AT, FI, DE, ES, HR, HU, LT, SK, UK
Ohrajn	BE, CZ, EL, HU, LT, PT, RO, SK

Huwa evidenti li hemm il-bżonn ta' approċċi inklussivi, mfaßla apposta. Miżuri innovattivi — il-promozzjoni tal-impriżi soċjali u l-impreditorja tar-Rom, inċentivi għal min iħaddem, il-konnessjoni mas-settur privat li joffri l-impjiegi, li jintlaħqu r-Rom taħt il-Garanzija għaż-Żgħażaġħ, u l-promozzjoni tal-kunsiderazzjonijiet soċjali fl-akkwist pubbliku — għandhom jiġu sfruttat aħjar, kif ukoll approċċi ta' inklużjoni attivi integrati. Huwa kruċjali wkoll li l-impatt tal-miżuri kollha konnessi mal-impjiegi tar-Rom ikunu sorveljati mill-qrib. Il-ġlieda kontra Prattiki diskriminatorji fis-suq tax-xogħol għandha tissaħħaħ ukoll, u għandu jkun hemm kooperazzjoni aktar mill-qrib mal-ispezzjoni tax-xogħol. L-allokkazzjonijiet taħt il-Fond Soċjali Ewropew għandhom jiġu mobilizzati bis-sħiħ biex tiġi żgurata l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-miżuri permezz ta' sostenn integrat u personalizzat. L-opportunitajiet taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) għandhom ukoll jintużaw bis-sħiħ biex jippromwovu l-aċċess tar-Rom għall-impjiegi fiż-żoni rurali, fejn jgħixu l-maġġoranza tar-Rom.

3.4. Is-saħħa

L-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-settur tas-saħħa li jesperjenzaw ir-Rom għadu sfida kontinwa, partikolarment fl-aktar żoni żvantaġġati. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rrapportaw miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-kura tas-saħħa u li jiffukaw fuq miżuri preventivi, ta' protezzjoni, b'mod partikolari t-tilqim tat-tfal, l-ippjanar tal-familja u s-sensibilizzazzjoni dwar is-saħħa. Huma jaħdmu wkoll mas-settur tal-organizzazzjonijiet mhux governattivi. Madankollu, għal xi Rom, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa huwa limitat minħabba n-nuqqas ta' reġistrazzjoni u kopertura tal-assigurazzjoni tas-saħħa. Huma meħtieġa aktar sforzi biex jintlaħqu dawn il-persuni vulnerabbli, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni

tagħhom finizjattivi tas-saħħa u l-kura soċjali. Għandhom isiru wkoll, f'kull Stat Membru, attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni li jimmiraw kemm għall-professjonisti tal-kura tas-saħħa kif ukoll għar-Rom.

Il-miżuri rakkomandati mill-Kunsill	L-Istati Membri li rrapportaw miżura
Jitneħħew l-ostakoli għall-aċċess għas-sistema tal-kura tas-saħħa	AT, BE, BG, CZ, DE, ES, FI, FR, HU, LT, PL, RO, SE, SI, SK, UK
Jittejeb l-aċċess għal visti mediċi, għall-kura ta' qabel u ta' wara t-twelid, l-ippjanar tal-familja, eċċ.	AT, BG, DE, ES, IT, PL, SI, SK
Il-promozzjoni tal-aċċess għal programmi ta' tilqim bla hłas immirati għat-tfal, u l-aktar gruppi u żoni żvantaġġati	AT, BE, BG, DE, ES, HU, PL, RO, SI, SK
Il-promozzjoni tal-għarfien dwar is-saħħa	AT, BG, CZ, DE, ES, FI, HR, HU, IT, PL, SI, SK
Ohrajn	BE, BG, EL, ES, FI, HR, IT, LT, PL, SK

3.5. L-akkomodazzjoni

L-aktar sfidi importanti fejn tidħol l-akkomodazzjoni — jiġifieri l-ġlieda kontra s-segregazzjoni u l-prevenzjoni tal-iżgumbrar bil-forza — ma ġewx indirizzati biżżejjed²¹. Bosta Stati Membri rrapportaw miżuri li jipromwovu l-aċċess mhux diskriminatorju għall-akkomodazzjoni soċjali, filwaqt li oħrajn irrappurtaw dwar il-ġlieda kontra s-segregazzjoni. Iż-żewġt oqsma għandhom ikunu importanti għal aktar azzjoni konġunta u robusta, li potenzjalment għandha tkun iffinanzjata mill-fondi tal-UE. L-użu ta' fondi strutturali u ta' investiment Ewropej (Fondi SIE) li jwasslu għal (aktar) segregazzjoni tal-faċilitajiet għandu jiġi evitati. L-indirizzar tas-segregazzjoni jirrikjedi approċċ għat-tul. Il-prerekwiżiti għal desegregazzjoni b'suċċess jinkludu:

- attenzjoni fuq ir-reġjuni li waqgħu lura u fuq dawk friskju;
- l-iżgurar ta' koordinazzjoni bejn id-diversi partijiet interessati u l-involviment tal-komunitajiet Rom fl-implimentazzjoni;
- it-tagħqid tal-iżvilupp tal-infrastrutturi mal-iżvilupp tar-riżorsi umani;
- il-leġiżlazzjoni tal-akkomodazzjoni;
- it-tnedija ta' miżuri preparatorji u ta' akkumpanjament;
- li provvediment ta' akkomodazzjoni xierqa f'kuntatt ta' integrazzjoni;
- il-konsolidament tad-desegregazzjoni fi hđan approċċ integrat.

Il-miżuri rakkomandati mill-Kunsill	L-Istati Membri li rrapportaw miżura
L-eliminazzjoni ta' kull segregazzjoni spazjali u l-promozzjoni tad-desegregazzjoni	CZ, HU, ES, IT, RO
Il-promozzjoni ta' aċċess mhux diskriminatorju għall-akkomodazzjoni soċjali	AT, BE, BG, CZ, DE, ES, FI, FR, IT, SK, UK
Il-provvista ta' postijiet ta' waqfa għal Rom li ma jgħix f'post fiss	AT, BE, FR, UK
Jiġi żgurat l-aċċess għall-utilitajiet pubbliċi	ES, HR, RO, SI
Ohrajn	AT, BE, BG, CZ, ES, HR, HU, IT, LT, PL, PT, RO, SK

Xi pajjiżi kkonċernati stabbilew ukoll miżuri rigward prijorit  oħra enfasizzata mill-Qafas tal-UE u mir-Rakkomandazzjoni: l-għoti ta' siti ta' waqfa għall-vjaġġaturi fi proporzjon mal-

²¹ L-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u s-soċjet  ċivili qajmu bosta preokkupazzjonijiet matul l-2015 dwar serje ta' żgumbramenti bil-forza li saru f'diversi Stati Membri. Ara pereżempju <http://www.coe.int/en/web/commissioner/-/european-countries-must-stop-forced-evictions-of-roma>. Fil-maġġoranza tal-każijiet ma ġiet ipprovduta l-ebda akkomodazzjoni soċjali alternattiva, u f'xi każijiet it-tfal ġew mifruda minn mal-familji tagħhom.

ħtiġijiet lokali. L-aċċess għall-utilitajiet pubbliċi għandu jiġi indirizzat mill-Istati Membri kollha kkonċernati sabiex jitjiebu l-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Rom.

3.6. Miżuri Strutturali

Ittieħdu passi pożittivi fl-infurzar tax-xogħol u l-kapaċità istituzzjonali tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom, minkejja li l-mandat u r-riżorsi tagħhom għadhom iwarjaw b'mod konsiderevoli. Ħafna minnhom huma involuti mhux biss fil-koordinazzjoni tal-politiki rilevanti, iżda wkoll fit-tfassil u r-reviżjoni tagħhom. Ħafna kienu involuti b'mod attiv fl-allinjament tal-prijoritajiet ta' politika mal-fondi disponibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014–2020²². L-isforzi tagħhom ikkontribwew biex l-integrazzjoni soċjoekonomika tal-komunitajiet marġinalizzati tar-Rom tingħażel bħala prijorità speċifika ta' investiment taħt il-programmi operattivi. Din iggarantixxa l-finanzjament sostenibbli għall-miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom sal-2020.

Xi Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet lokali, u jipprovdu appoġġ metodoloġiku fl-iżvilupp ta' pjani ta' azzjoni lokali, u jikkooperaw mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili li jaħdmu favur ir-Rom. Il-viżibilità tagħhom għall-partijiet interessati kollha qiegħda tiżdied. Madankollu, hemm bżonn ta' aktar titjib, b'mod partikolari fir-rigward **tal-kooperazzjoni fl-implimentazzjoni mal-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u speċjalment is-settur privat.** Ir-rapporti mill-Istati Membri jiżvelaw li l-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali jimplementaw il-biċċa l-kbira tal-miżuri rrappurtati, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni u tas-saħħa, filwaqt li l-awtoritajiet lokali huma tipikament responsabbli għall-implimentazzjoni tal-miżuri fl-akkomodazzjoni u l-impjiegi. L-organizzazzjonijiet ċivili huma l-aktar attivi fis-setturi tas-saħħa u wara dan tiġi l-edukazzjoni, iżda s-sħubija tagħhom fl-implimentazzjoni fl-oqsma kollha rilevanti għandha tiġi promossi aktar. Ir-rwol potenzjali tas-settur privat għadu fil-parti l-kbira tiegħu mhux esplorat.

F'ħafna Stati Membri hija stabbilita kooperazzjoni bejn il-Punti ta' Kuntatt u **korpi ta' ugwajjanza**²³. Iż-żewġ atturi jagħtu l-kontribut tagħhom għal-linji politiċi u jipprovdu s-sostenn fejn ikun rilevanti. Għad hemm il-ħtieġa li jiżdiedu r-riżorsi umani u finanzjarji għat-tnejn li huma, kemm biex tittejjeb il-kooperazzjoni tagħhom kif ukoll biex jagħmluha aktar effettiva.

L-importanza tal-**kooperazzjoni transnazzjonali** qiegħda tingħata dejjem aktar rikonoxxenza, qeġhda tiġi aktar ipprattikata u promossa minn daww kollha ikkonċernati fil-livelli kollha. L-iskambju ta' Prattiki tajba iseħħ bejn l-awtoritajiet kemm fil-livell nazzjonali (pereż. in-netwerk EURoma li jgħaqqad flimkien il-punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet ta' ġestjoni biex jitjieb l-użu tal-Fondi ESI għall-inklużjoni tar-Rom), kif ukoll fil-livell municiċipali (pereż. taħt l-Istrateġija tal-UE għar-reġjun tad-Danubju). Ġew konklużi ftehimiet nazzjonali bilaterali (pereż. bejn Franza u r-Rumanija, u l-Iżvezja u r-Rumanija) biex tiġi intensifikata l-kooperazzjoni transnazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom. Il-kooperazzjoni transnazzjonali fil-livell lokali tkopri wkoll l-integrazzjoni tar-Rom (pereż. skont it-Task Force tar-Rom tal-EUROCITIES jew l-element il-ġdid taħt il-programm ROMACT li jappoġġa l-bini tal-kapaċitajiet u l-attivitajiet ta' kooperazzjoni transnazzjonali li jassisti lill-awtoritajiet lokali). Bosta eżempji pożittivi ta' kooperazzjoni bejn il-municiċipalitajiet fl-Ewropa tal-Punent u tal-Lvant jiffokaw fuq il-provvista ta' servizzi lir-Rom, inkluż fil-qasam tal-edukazzjoni (pereż. Glasgow u Oslo ma' Belfast, Arad, Craiova, Timișoara) jew tal-impjiegi (pereż. Ghent ma' Glasgow, Aten, Malmö).

²² Dwar Fondi FSI: http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/; dwar sħubija msaħħa fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' Fondi tal-ESI: http://ec.europa.eu/regional_policy/en/policy/what/glossary/european-code-of-conduct.

²³ Korpi stabbiliti bid-direttivi tal-ugwajjanza tal-UE 2000/43/KE, 2004/113/KE u 2006/54/KE.

L-Istati Membri ħadu passi biex jiżviluppaw **is-sorveljanza** tal-Istrategġi Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma. Ir-rekwiżit tal-ESIF li jkun hemm metodi stretti ta' monitoraġġ għandu rwol importanti biex tittiejeb l-evalwazzjoni tal-impatt tal-miżuri tal-integrazzjoni tar-Rom. Madankollu, huma meħtieġa aktar sforzi sabiex tkun tista' ssir evalwazzjoni tar-riżultati tal-miżuri irrappurtati, immirati u ġenerali, fuq ir-Rom, inkluż l-impatt tagħhom fuq ix-xejriet fejn tidħol is-segregazzjoni, il-livell edukattiv u l-livelli tal-impjegi mil-huqa mir-Rom, u l-aċċess għad-djar u għas-servizzi tas-saħħa b'mod integrat. Għal dan l-għan, l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ser tissokta l-ħidma fuq l-iżvilupp ta' indikaturi ta' integrazzjoni tar-Rom, li għandhom jikkontribwixxu lejn l-iżvilupp tal-metodoloġija ta' rappurtar billi tinġabar informazzjoni mill-partijiet interessati rilevanti kollha. Il-monitoraġġ tal-miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom u tal-Fondi ESI għall-inklużjoni tar-Rom għandhom ikunu allinjati aħjar permezz ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Fondi SIE biex jiżguraw li l-fondi jaslu għand ir-Rom.

3.7. Fondi

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2015, il-Kummissjoni ppreżentat l-opportunitajiet disponibbli taħt il-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020. L-allokazzjonijiet ta' finanzjament usa' tal-Istati Membri għall-inklużjoni soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar u d-diskriminazzjoni huma rrapportati skont il-pajjiż fid-dokument ta' ħidma tal-persunal. Għandu jiġi nnutat li skont l-allokazzjoni usa' tagħhom għall-inklużjoni soċjali, 12-il Stat Membru²⁴ għażlu l-prijorità ġdida ta' investiment li tippermetti li **jkun hemm immirar tar-Rom b'mod espliċitu, iżda mhux esklussiv**, u allokaw għaliha total ta' EUR 1.5 biljun. Diversi priyoritajiet ta' investiment tal-FSIE oħra ġew identifikati biex jikkontribwixxu għall-inklużjoni tar-Rom²⁵.

F'termini ta' **finanzjament pubbliku nazzjonali**, fost l-oqsma ta' politika sostantivi, l-edukazzjoni u l-akkomodazzjoni jattiraw l-aktar investiment, u ħafna anqas imur għall-impjegi u anki anqas għas-saħħa. Il-finanzjament nazzjonali rappurtat għal miżuri orizzontali u strutturali huwa insinifikanti. F'termini ta' **Fondi ESI** u skont ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi taħt is-Semestru Ewropew, l-edukazzjoni (inkluża dik bikrija) inklussiva, l-edukazzjoni u l-impjegi huma ż-żewġ oqsma prinċipali ta' investiment, bl-akkomodazzjoni li tirċievi wkoll allokazzjoni konsiderevoli. L-ammont allokati għall-investimenti fis-saħħa huwa ħafna inqas. Għal miżuri orizzontali u strutturali, il-protezzjoni tan-nisa u t-fal u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni jirċievu l-aktar finanzjament, prinċipalment minn Fondi ESI.

Bosta Stati Membri żviluppaw **immappjar ta' komunitajiet tar-Rom** permezz tal-introduzzjoni ta' indikaturi etniċi u soċjoekonomiċi (jiġifieri żoni residenzjali fil-bżonn jew ssegregati, nies l-aktar fil-bżonn, mapep tal-faqar, eċċ.) sabiex tittejjeb l-orjentazzjoni u l-allokazzjoni tal-FSIE għall-integrazzjoni tar-Rom.

4. Tkabbir

L-integrazzjoni tar-Rom għadha priyorità kruċjali fil-proċess tat-tkabbir. Il-Kummissjoni taħdem mill-qrib mal-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u mat-Turkija, u tissorvelja l-implimentazzjoni tal-impjenji. Sforz importanti qiegħed isir taħt l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) biex il-programmi ta' integrazzjoni tar-Rom jingħataw sostenn fil-livelli nazzjonali u reġjonali. Madankollu, is-sitwazzjoni tal-bieċa l-kbira tal-komunitajiet Rom għadha waħda ta' preokkupazzjoni. L-adozzjoni ta' dokumenti legiſlattivi jew ta' politika

²⁴ AT, BE, BG, CZ, ES, FR, EL, HU, IT, PL, RO, SK

²⁵ Pereżempju skont il-Fond Soċjali Ewropew: jitnaqqas it-tluq bikri mill-iskola u jiġi promoss l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni ta' kwalità tajba fil-bidu tat-tfulija, fl-edukazzjoni primarja u dik sekondarja; jew jiġu miġġielda l-forom kollha ta' diskriminazzjoni u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs Taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali: infrastruttura soċjali, tas-saħħa jew tal-edukazzjoni jew sostenn għar-riġenerazzjoni fiżika, ekonomika u soċjali ta' komunitajiet fil-bżonn.

mhix biżżejjed. Għandhom ikunu allokatu mezzi baġitarji adegwati fil-livell nazzjonali biex jiġu implimentati miżuri ta' integrazzjoni, bl-għoti ta' attenzjoni speċjali għall-implimentazzjoni fil-livell lokali. Il-komunitajiet tar-Rom għandhom ikunu involuti bis-sħiħ fl-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ. Id-Deċennju tar-Rom²⁶ żgura li l-integrazzjoni tar-Rom issir parti mill-aġenda politika. Il-fażi ta' wara d-Deċennju għandha tikkonċentra fuq il-kisba ta' riżultati li jistgħu jitkejlu fil-konkret, b'mod li jitnaqqas id-distakk bejn ir-Rom u dawk li mhumiex Rom u b'attenzjoni speċjali għall-oqsma ta' prijorità (l-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa, l-akkomodazzjoni u d-dokumentazzjoni ċivili) kif ukoll fuq l-oqsma trasversali relatati mal-ġeneru u l-anti-Żingariżmu. Il-politiki għall-integrazzjoni tar-Rom għandhom jiġu msaħħa b'reazzjoni għall-kriżi attwali tar-refuġjati; porzjon sinifikanti ta' dawk li jirritornaw lejn il-Balkani tal-Punent, issa ddikjarati bħala pajjiżi ta' oriġini sikur, huma Rom.

5. Il-konklużjonijiet u l-passi li jmiss

Ġew stabbiliti l-istrumenti legali, ta' politika u l-istrumenti ta' finanzjament fil-livell Ewropew. L-Istati Membri ħolqu strutturi ta' koordinazzjoni, introduċew miżuri immirati u ġenerali bi tweġiba għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, u allokaw fondi. L-evalwazzjoni identifikat xi **xejriet pożittivi**, bħalma huma l-attenzjoni li qiegħda tikber fuq l-edukazzjoni tat-tfal żgħar, ir-rabta bejn il-prijoritajiet ta' politika tal-integrazzjoni tar-Rom u l-użu tal-Fondi SIE 2014-2020 u r-rwol tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom fl-ippjanar ta' dan il-finanzjament. Madankollu, l-isforzi ma setgħux jevitaw id-deterjorament ulterjuri tal-kundizzjonijiet tal-għajxien tar-Rom u l-ostilitajiet mifruxa kontribom minn dawk li huma fil-maġġoranza fis-soċjetà. Ġew identifikati **ostakli kbar** fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra r-Rom, speċjalment fejn jidhru s-segregazzjoni residenzjali u l-edukazzjoni u l-prevenzjoni tal-iżgumbramenti bil-forza. L-iżgurar ta' impenn lokali u implimentazzjoni sostenibbli għad trid tiġi indirizzata. Il-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-impenn tas-settur privat fl-implimentazzjoni għadhom mhux biżżejjed. Għandu jittejjeb ukoll il-kejl tal-impatt tal-isforzi ta' integrazzjoni fil-konkret.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw **impenn ġdid għall-politika ta' integrazzjoni tar-Rom** b'tali mod li l-istrumenti legali, ta' politika u finanzjarji eżistenti jintużaw bis-sħiħ biex jinkisbu riżultati konkreti fil-prattika. **L-implimentazzjoni lokali hija ta' importanza kbira.**

Il-Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jindirizzaw dawn il-prijoritajiet urġenti li ġejjin:

- **Jiġu infurzati l-leġislazzjoni u s-salvagwardji kontra d-diskriminazzjoni u kontra r-razziżmu u l-ksenofobija** fil-livelli nazzjonali u lokali billi:
 - jsir monitoraġġ ta', tiġi miġġieleda, irrappurtata u kkastigata, id-diskriminazzjoni kontra r-Rom fl-oqsma kollha tal-politika;
 - jiġi kkriminalizzat t-tixwix pubbliku għall-vjolenza jew il-mibegħda, inkluż fuq il-bażi tal-oriġini etnika;
 - jiġi indirizzat it-traffikar tal-bnedmin permezz ta' miżuri li jkunu speċifiċi fejn jidħol il-ġeneru u jkunu jolqtu direttament lit-tfal;
 - isiru kampanji ta' għarfien u kontra d-diskriminazzjoni, immirati lejn dawk li jiffurmaw il-maġġoranza fis-soċjetà kif ukoll lejn il-partijiet interessati ewlenin, biex jixxerred l-għarfien dwar l-imperattv ekonomiku u l-benefiċċji reċiproċi tal-integrazzjoni tar-Rom.
- **Jiġu evitati l-iżgumbramenti bil-forza abbażi tal-oriġini etnika** billi jiġi żgurat li kull iżgumbrament isir fir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, li tiġi pprovduta akkomodazzjoni alternattiva adegwata lill-familji żgumbrati sabiex ma tinħoloqx

²⁶ <http://www.romadecade.org/>.

problema ta' nies bla saqaf fuq rashom u b'hekk tiġi aggravata l-esklużjoni, u billi jiġu esplorati l-opportunitajiet skont l-investimenti tal-Fondi ESI biex titjeb is-sitwazzjoni tal-akkomodazzjoni tar-Rom.

- **Tiġi eliminata s-segregazzjoni fl-edukazzjoni u fl-akkomodazzjoni** f'konformità mal-gwida tal-Kummissjoni permezz ta' leġislazzjoni, riforma inklussiva tal-politika, l-edukazzjoni tal-ġhalliema, id-disseminazzjoni ta' metodi inklussivi u miżuri ta' desegregazzjoni espliċiti flimkien ma' sostenn immirat biex jiġu indirizzati l-ostakoli kollha għal aċċess, bl-użu sħiħ ta' opportunitajiet taħt il-Fondi ESI.
- **Jiddaħħlu fis-seħħ salvagwardji u miżuri mmirati biex jiżguraw li l-interventi ġenerali jilhqqu b'mod effettiv lir-Rom**, speċjalment fejn jidħlu l-impjiegi u s-saħħa.
- **Jestendu u jimmultiplikaw inizjattivi fuq skala iżgħar** li taw prova li kienu ta' suċċess, bl-użu tal-fondi għall-perjodu 2014–2020.
- **Ikomplu jiġu żviluppatti aktar il-ġbir tad-dejta, il-monitoraġġ u l-metodoloġiji tar-rappurtar** biex jiġu ssodisfati l-aspettattivi tar-responsabilizzazzjoni fl-użu tal-fondi pubbliċi u jiġi żgurat li l-impatt tal-miżuri immirati u ġenerali fuq ir-Rom jiġi vvalutat u li jwasslu lejn politika informata u għar-rieżami tagħha.
- **Isir użu sħiħ minn Pjattaformi Nazzjonali għar-Rom biex jiġi żgurat l-involvement inklussiv tal-partijiet interessati kollha** fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, ir-rappurtar u r-rieżami ta' politika, biex jiġu promossi l-iskambju, l-evalwazzjoni u t-trasferiment ta' prattiki tajbin, biex jinbnew sħubiji u biex ikomplu jiġu mobilizzati l-komunitajiet tar-Rom, l-awtoritajiet lokali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja l-Istati Membri, tara li jkun hemm l-impenn meħtieġ għall-inklużjoni tar-Rom fil-livell Ewropew, u tuża l-mezzi kollha disponibbli biex tippromwovi d-djalogu u l-kooperazzjoni. **Il-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni jinkludu dawn li ġejjin:**

- **Tittieħed azzjoni biex jiġi żgurat l-infurzar totali ta' leġislazzjoni kontra d-diskriminazzjoni u biex jiġi miġġieled l-anti-Żingariżmu** bl-użu ta' strumenti legali disponibbli.
- **Jiġu appoġġjati l-Pjattaformi Nazzjonali tar-Rom**, sabiex tinġieb 'l quddiem kooperazzjoni inklussiva bejn il-partijiet interessati kollha fil-livell nazzjonali.
- **Jingħata sostenn lill isforzi tal-Istati Membri fl-integrazzjoni tar-Rom billi jiġu ffaċilitati l-iskambji, il-kooperazzjoni u d-diskussjoni tematika ffokata taħt in-netwerk tal-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali għar-Rom.**
- **Jiġi żgurat djalogu ta' livell għoli u gwida politika** billi jitwettqu missjonijiet ta' sorveljanza bilaterali, bl-involvement tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali kif ukoll tas-soċjetà ċivili.
- **Jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-djalogu fil-livell Ewropew tal-partijiet interessati kollha, skont il-pjattaforma riformata Ewropea għall-inklużjoni tar-Rom.**
- **Jingħata sostenn għall-bini tal-kapaċitajiet tal-awtoritajiet lokali u tas-soċjetà ċivili** sabiex tiġi promossa l-mobilizzazzjoni attiva tagħhom.
- **Jiġi żviluppatt approċċ strateġiku għal wara l-2020 tal-integrazzjoni tar-Rom**, fid-dawl tar-reviżjoni possibbli tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, prevista għall-2019, filwaqt li jitqiesu d-differenzi li fadal bejn ir-Rom u daww li mhumiex Rom fl-edukazzjoni, l-impjiegi, is-saħħa u l-akkomodazzjoni, kif ukoll il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, kif ukoll riflessjoni kontinwa dwar evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tal-Qafas tal-UE għall-istrateġiji nazzjonali għall-integrazzjoni tar-Rom.